MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2006

Talba Numru. 119/2006

**Carmen Scerri**
**vs**
**Roderick Zahra**

Numru
Talba Numru 119/2006

It-Tribunal

Ra l-Avviz prezentat f'l-20 ta' Frar 2006 li permezz tieghu l-attrici tablet hlas tas-somma ta' elf u sebgha u hamsin lira Maltin u tnax il-centezmu (Lm1057.12) jew somma verjuri li tigi likwidata minn dan l-Onorabbli Tribunal, rapprezentanti danni personali sofferti mill-attrici, konsistenti fi spejjez medici u ta' kura li kienet tehtieg l-attrici b'segwitu ta' incident stradali li fih l-istess attrici sfat imtajjra minn vettura bin-numru ta' registrazzjoni ABI 427

misjuqa mill-konvenut, liema incident sehh fil-11 ta' Lulju 2004 fi Triq il-Kostituzzjoni, Mosta u liema incident sehh minhabba traskuragni u negligenza da parti tal-konvenut. Bl-ispejjes u bl-imghaxx legali kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fis-7 ta' Marzu 2006 li permezz taghha eccepixxa:-

1) Preliminarjament, l-inkompetenza ta' dan it-Tribunal ratione materie sabiex jisma u jiddeciedi l-azzjoni odjerna, u dana stante illi kull azzjoni naxxenti minn incident involventi vettura awtomobilistika ghandha tigi determinata b'arbitragg a tenur ta' l-Artikolu 1.2 tar-Raba' Skeda tal-Kap 387 tal-Ligijiet ta' Malta.

2) Inoltre, l-azzjoni attrici hija ntempestiva stante illi qatt ma saret interpellanza bonarja ghall-hlas mill-attrici lill-konvenut, u kwindi l-konvenut ma ghandhu fl-ebda kaz jigi kundannat sabiex ihallas l-ispejjez ta' dina l-kawza.

3) Fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attrici, u dana stante illi l-incident awtomobilistiku in kwistjoni ma sehhx b'xi tort tal-konvenut, izda unikament tort ta' l-attrici illi qasmet it-triq bl-addocc u minghajr ma hadet id-debiti prekawzjonijiet hekk kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

4) Salv eccezzjonijiet ulterjuri skond il-kaz.

Ra l-verbal tas-seduta mizmuma fis-27 ta' April 2006 meta l-attrici ddikjarat li f'l-incident in kwistjoni hija kienet pedestrian u li d-danni minnha reklamati jirraprezentaw spejjez materjali relatati mal-kura li kellha bzonn bhala konsegwenza ta' l-incident de quo.

Semghat it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet dwar l-ewwel eccezzjoni mqajjma mill-konvenut u cioe dik dwar inkompetenza rationae materiae ta' dan it-Tribunal a tenur ta' l-Artikolu 1.2 tar-Raba Skeda tal-Kap 387 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidra

Jirrizulta mill-atti, u anke mid-dikjarazzjoni ta' l-attrici maghmula fis-27 ta' April 2006, li t-talba taghha hija ghal danni materjali rapprezentanti spejjez u kura medika li rrinkorriet bhala rizultat ta' l-incident de quo f'liema incident l-attrici tallega li sfat imtajra minn vettura misjuqa mill-konvenut u soffriet danni fil-persuna.

Is-subinciz 11 ta'l-Artikolu 15 tal-Att l-Att Dwar Arbitragg, il-Kap 387, jipprovdi li l-klassijiet ta' tilwiemiet imsemmija fir-raba skeda huma soggetti ghal arbitragg mandatarju.

Ai termini ta' l-Artikolu 1.2 tat-Taqsima A tar-Raba Skeda tal-Kap 387 fuq imsemmija kull *tilwima civili jew kummercjali,* ***li ma tkunx wahda li jkollha x'taqsam ma' talba ghal danni ghal hsara fil-persuna,*** *li tkun tilwima li torigina minn kollizzjoni bejn vetturi jew hsara nvolontarja fil-proprieta li tinvolvi l-vetturi ……* ghandha tigi sottomessa ghal arbitragg.

Minn dawn il-provvedimenti johrog car li l-intenzjoni tal-Legislatur kienet li jirriserva ghall-procedura ta' l-arbitragg dawk it-talbiet ghad-danni naxxenti minn kollizzjonijiet li ma jinkludux jew ma jirreferux ghal danni personali.

Konsegwentement, u in vista tal-fatt li d-danni mitluba permezz ta' l-avviz odjern huma ta' natura personali, it-talba attrici ma tikklassifikax bhala wahda minn dawk li hija rizervata ghal arbitragg mandatarju.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u jordna l-prosegwiment tas-smiegh tal-kaz.

Spejjez ikunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------